MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Numru. 14/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**KHALED ALI MOHAMED MUSBAH**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Khaled Ali Mohamed Musbah**, ta' 32 sena bin Ali u Saida nee' Salah, imwieled Tripoli, Libya, nhar it-2 ta' Frar 1975 li joqghod Flat Nru 2, St. Michael's, Triq l-Oratorju, Gharghur u li ghandu numru tal-passaport 522230, gie akkuzat talli :

Nhar it-3 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta'00:30am, gewwa l-istabiliment Gianpula, Rabat, Malta u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Camillieri, li ghandu numru tal-karta tal-identita` 047193(M), skond kif iccertifikat Dr. Louise Gatt M.D tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta ai termini tal-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta mal-imputat Khaled Ali Mohamed Musbah talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 19 ta' April 2007, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Daniel Camilleri bil-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *et sequitor*.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

In vista ta' dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li issib htija skond l-imputazzjoni kif dedotta.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni. Rat partikolarment il-verbal tal-partijiet fejn stqarru li kien hemm qbil bejniethom li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-ahjar sanzjoni ghandha tkun dik taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, kwalunkwe forma ta` qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-potenzjali piena u/jew sanzjoni, ma torbotx lill-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar ghandha tkun hi li tapplika u tinfliggi piena jew sanzjoni li jidrilha li tkun l-aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz li jkun.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, hekk ghamlet. Qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati huwa wiehed serju hafna, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` reat ta` ferita gravi jkun jimmerita li jigi karcerat b’mod effettiv. Fid-dawl ta` dan pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, partikolarment il-fatt li hawn ma kienx hawn vjolenza esagerata, anzi jidher li kien hemm hebb minuri (*head butt*), li ma huwiex spedjenti li twahhal piena.

**Ghall-dawn il-mottivi**, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Khaled Ali Mohamed Musbah hati ta` l-imputazzjoni kif dedotta u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Khaled Ali

Mohamed Musbah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Khaled Ali Mohamed Musbah fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------